MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

**Messaġġ tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Evarist Bartolo**

**4 ta' Mejju 2020**

Il-jum it-tajjeb.

2436 sena ilu kienet għaddejja gwerra bejn Ateni u Sparta.

Ateni nvadiet il-gżira ċkejkna ta' Melos (xi tliet darbiet id-daqs Għawdex). Riedet tuża l-portijiet tagħha għax-xwieni tagħha.

In-nies ta' Melos xtaqu jibqgħu newtrali u jgħixu fil-paċi: kemm ma' Ateni, kif ukoll ma' Sparta.

Ateni ma ridetx taf.

Qalet lil Melos: ċedu. Intom żgħar. Mhux x'tixtiequ intom jgħodd. Imma xi rridu aħna. Il-kbar jagħmlu li jridu. Iż-żgħar ikollhom joqogħdu.

Melos ma ċedietx. Ateni nvadietha. Rebħitha. L-irġiel kollha ġew maqtula. It-tfal u n-nisa ħaduhom bħala lsiera.

Kif Ateni ttrattat lil Melos għadha tissemma' bħala kif il-pajjiżi l-kbar jistmaw lill-pajjiżi ż-żgħar.

Bil-goff jew bi kliem ħelu jgħidulhom: Intom żgħar. Mhux x'tixtiequ intom jgħodd. Imma xi rridu aħna. Il-kbar jagħmlu li jridu. Iż-żgħar ikollhom joqogħdu.

Iż-żgħar isibu ħafna min jippriedkalhom. Min jinvestigahom. Min jakkużahom. Min jikkundannahom.

Isibu ferm inqas min lest jgħinhom.

F'dawk li għandhom x'jaqsmu dmirijiet, obbligi internazzjonali, liġijiet u konvenzjonijiet ... il-pajjiżi ż-żgħar mistennija jħarsuhom daqs il-kbar.

Xħin niġu għas-solidarjetà u fejn iż-żgħar jistennew li jsibu lill-kbar jgħinuhom, jitħallew ifendu għal rashom.

Allura ż-żgħar ikollhom joqgħodu għal kollox?

Jew jaraw kif ifittxu l-ġid u l-interessi tagħhom mill-aħjar li jistgħu?

Saħħa u sliem.

**Evarist Bartolo**

Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, Malta